MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2267/2003

**Gasan Mamo Insurance Limited**

**Vs**

**Martin Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta Novembru 2003, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erba mija u tnax il-lira erbgha u tletin centezmu (Lm412.34 rapprezentanti d-danni sofferti meta l-konvenut waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru HAP 921 fid-19 ta April 2003 gewwa Haz-Zejtun habat mal-vettura numru LCE 613 proprjeta` tat-tabib Dennis Soler u kkaguna danni f’din l-istess vettura ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli stante sewqan negligenti u traskurat da parti tieghu.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 9 ta Settembru 2003 u bl-imghax legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-22 ta Dicembru 2003 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident stradali in kwistjoni stante li ghalih huwa jallega li kien unikament responsabbli l-assikurat tas-socjeta attrici peress illi pprova jaqbzu minn fuq in-naha ta gewwa.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat in-nota ta referenza prezentata mis-socjeta attrici u mir-risposta relattiva tal-konvenut.

Ikkunsidrat.

Illi l-incident in kwistjoni sehh fil-mument meta l-vettura tal-konvenut giet biex taqla minn fuq stop sign lejn ix-xellug taghha filwaqt li l-assikurat tal-attur ipprova jissorpassa lill-konvenut minn fuq in-naha ta gewwa. Il-mod ta kif zvolga dan l-incident johrog car mir-rapport u skizz imhejji minn PS 359 Carmelo Abdilla u kif ukoll mix-xhieda guramentata tieghu.

L-assikurat tas-socjeta attrici jikkonferma bejn wiehed u iehor il-verzjoni moghtija minnu lis-surgent. Ighid ukoll pero illi l-konvenut kien wieqaf bejn wiehed u iehor f’nofs il-karreggjata fejn huwa kien qieghed isuq pero ikkalkola li kien hemm wisgha ta xi vettura bejn il-konvenut u l-bankina fuq in-naha tax-xellug. Il-konvenut baqa minghajr ebda indicator mixghul u meta qala, l-assikurat ha l-impressjoni li kien ser johrog bid-dritt biex jaqsam ghal faccata l-ohra waqt li huwa kien ghadu warajh. F’mument minnhom meta z-zewg vetturi kienu ser johorgu ghat-trieq u minnhabba l-moviment dritt tal-konvenut, l-assikurat f’hin minnhom waqaf wara l-konvenut fuq il-genb tan-naha tax-xellug fejn hemm speci ta kurvatura. Malli l-assikurat beda diehel go triq il-Barrani minn wara l-konvenut minn-naha tax-xellug tieghu, l-assikurat jallega li l-konvenut

f'daqqa wahda ma baqax hiereg dritt izda kiser hesrem lejn ix-xellug biex jissokta huwa wkoll fi Triq Tal-Barrani. B'hekk sehh l-impatt meritu ta dina l-kawza fejn il-konvenut dahal fuq il-bieba tas-sewwieq tal-assikurat b'certa qawwa tant illi ghollieh ghal fuq kantun. L-assikurat esebixxa sensiela ta ritratti sabiex ikompli jispjega ahjar il-verzjoni tieghu filwaqt li jghid li ma jaqbel xejn mal-iskizz peress illi jsostni li vettura tieghu spiccat aktar il-quddiem minn fejn qieghdha oltre li l-vettura tal-konvenut kienet suppost mahbuta mal-bieba tieghu.

Fix-xhieda guramentata tieghu, l-konvenut ukoll jikkonferma dak li kien irrapporta lis-surgent a tempo vergine. Ighid in sintesi li huwa kien wieqaf fuq l-istop sign "xi ftit imdawwar" biex johrog ghal main road. Mohhu kien koncentrat fuq it-traffiku ta din il-main road sabiex ikun jista johrog u ghalhekk lil Dr Soler qabel l-incident ma rahx. Hekk kif qala biex johrog ghal Main road, sab lil Dr Soler li skond hu "kien infiltra bejni u bejn il-gemb tat-trieq". Il-konvenut ighid ukoll li jaqbel perfettament mal-posizzjoni tal-vetturi kif indikati fl-iskizz esebit a fol 17 tal-process partikolarment mal-fatt li l-vettura tieghu spiccat aktar il-quddiem minn dik ta Dr Soler.

Illi huwa mportanti fil-kaz in ezami li jigi osservat li t-trieq minn fejn hargu l-vetturi ghalkemm pjuttost wiesgha xorta wahda hija kunsidrata bhala karreggjata wahda (kif kkonfermat mis-surgent). Difatti ma kien hemm ebda sinjali mal-art li jindikaw aktar minn karreggjata wahda.

Illi rrizulta wkoll li Dr Soler kien miexi wara l-konvenut ghalkemm f'mument minnhom qabel ma hargu ghal main road, kien gia infiltra in parti fuq in-naha tax-xellug tat-trieq ma gemb il-konvenut pero skond Dr Soler stess xorta wahda kien ghadu warajh;

Illi ma hemmx dubbju anqas li skond ir-regoli tat-trieq wiehed ghandu ta bilfors jaghmel is-sorpass li jixtieq minn fuq in-naha tal-lemin u qatt minn fuq in-naha tax-xellug hlief f'certi cirkostanzi li ma humiex applikabbli ghal kaz odjern. Ir-regola tghidlek ukoll li qatt ma ghandek taghmel manuvra ta sorpass sakemm ma tkunx cert li tista taghmel

tali manuvra minnghajr ma tohloq perikolu ghalik innifsek jew ghall-ohrajn. L-istess regola tas-sewqan ighidulek illi qabel ma taghmel manuvra ta sorpass trid tassikura ruhhek li l-vettura li ser taqbez innotat bl-intenzjoni tieghek u li ghandek izzomm distanza adekwata u tregga tidhol lura fuq il-karreggjata proprja minnghajr ma taqta quddiem jew tkun ta ostakolu tal-vettura li ghadek kemm qbizt – dana kollu naturalment qed jigi presuppost li tali manuvra ta sorpass qieghda ssir kif suppost u cioe fuq in-naha ta barra cioe fuq in-naha tal-lemin tat-trieq u mhux minn naha ta gewwa. Jghidulek ukoll li qatt ma ghandek taghmel manuvra ta sorpass “f’road Junction” jew fejn ma hemmx bizzejjed spazju.

Illi in vista ta dawn il-konsiderazzjonijiet hawn maghmula ghandu jirrizulta ghalhekk illi l-assikurat tas-socjeta attrici naqas li josserva l-imsemmija regolamenti tat-traffiku elementari per konsegwenza ta liema huwa kkawza l-incident in kwistjoni u b’hekk ghandu jigi tenut unikament responsabbli ghall-istess.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-incident in kwistjoni sehh unikament minnhabba tortijiet imputabbli ghall-assikurat tas-socjeta attrici u konsegwentement ghalhekk qieghed jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut u kwindi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------